GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKOLARI

**Data:** 14 ta'Ġunju 2022 **Ref:** DLAP 166/2022

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u l-Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tas-Setturi kollha

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Bil-Qari u l-Kitba Niskorja fis-Sajf**

---

Matul ix-xhur tas-sajf, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se tkun qed toffri edizzjoni tas-sajf tal-programm edukattiv 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja'.

L-għan ta' dan il-programm hu li t-tfal li jħobbu l-futbol jitħajru jaqraw aktar u f'firxa ta' ftit ġimgħat, ħafna minnhom itejbu l-ħiliet tal-qari u l-fehim tagħhom. Dan il-programm iżewweġ l-imħabba tat-tfal għall-futbol mal-gost tal-qari u l-kitba. It-tfal jiġu mħeġġa jaqraw il-kotba u jtejbu l-ħiliet tagħhom fil-lingwa.

Il-postijiet għal dan il-programm huma limitati. Biex jintgħażlu dawk kollha li japplikaw se jkollhom jagħmlu intervista qabel jibda l-programm.

Is-sessjonijiet se jkunu darba f'ġimgħa (l-Erbgħa jew il-Ġimgħa), mit-08:30 a.m sal-10:30 a.m. fil-grawnd ta' Santa Venera, il-Ħamrun. Id-dati tas-sessjonijiet se jkunu dawn:

**Grupp 1 (l-Erbgħa):**

13, 20, 27 ta' Lulju, 3, 10, 17, 24, 31 ta' Awwissu, 7 u 14 ta' Settembru 2022

**Grupp 2 (il-Ġimgħa):**

15, 22, 29 ta' Lulju, 5, 12, 19 26 ta' Awwissu, 2, 9 u 16 ta' Settembru 2022

Min jista' japplika?

Dan il-programm huwa maħsub għal tfal li matul din is-sena skolastika (2021/2022) kienu fil-ħames jew is-sitt sena tal-primarja.

Ġenituri/gwardjani ta' tfal interessati jistgħu japplikaw billi jimlew il-formola online li tinsab hawn.

L-applikazzjoni trid timtela u tinbagħat online sa mhux iktar tard mill-**Ġimgħa, 1 ta' Lulju 2022.**

Min ikun jixtieq aktar tagħrif fuq dan il-programm jista' jikkuntattja lis-Sur Daniel Cini, Senior Manager ta' 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja' billi jċempel 2598 2993 jew 2598 3324.

Grazzi tal-attenzjoni,

**Is-Sa Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**